MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 72

25 ta' Lulju 2012

Minuti tat-Tieni Parti tas-Seduta Nru. 72 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 25 ta' Lulju 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier H. Fenech li kien imsiefer u l-Kunsillier P. Cutajar li kien skużat minħabba impenn ieħor.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tal-ewwel parti tħallew sabiex jiġu moqrija u diskussi fis-seduta li jmiss.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

2.1. Ma tqajjmu ebda materji mill-minuti tal-ewwel parti tas-seduta.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' nomini Konkors Sportivi Melleħin tas-Sena 2011-2012

## 4.0. Korrispondenza

## 4.1.1. Konkors Sportivi Melleħin tas-Sena 2011-2012

4.1.2. Il-Kunsill ġie mfakkar li d-data tal-għeluq tan-nominazzjonijiet kienet fit-12 ta' Lulju 2012 u ġew reġistrati s-segwenti:

| Premju | Nominat | Nominazzjoni Mressqa Minn: |
|---|---|---|
| L-Isportiv Mellieħi tas-Sena | Michael Bartolo (Baseball) | Mellieħa Northenders Baseball Team |
| | David Cauchi (Futbol) | Legion of Mary |
| | Joseph Cutajar (Tlielaq tal-Karozzi) | Mellieħa Sports Club |
| | David Fenech (Futbol) | Uffiċċju Partit Nazzjonalista |
| | Keith Fenech (Futbol) | Uffiċċju Partit Nazzjonalista |
| | Jason Martin (Atletika) | Mellieħa Athletic Club |
| | Oliver Sammut (Baseball) | Mellieħa Northenders Baseball Team |

| Premju | Nominat | Nominazzjoni Mressqa Minn: |
|---|---|---|
| L-Isportiva Melleħija tas-Sena | Melivia Axisa (Baseball) | Mellieħa Northenders Baseball Team |
| | Rossella Bonello(Volleyball) | Mellieħa Volleyball Team<br>Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista |
| | Nikita Farrugia (Netball) | Mellieħa Netball Team |
| | Charmaine Mifsud (Athletika) | Mellieħa Athletic Club |
| L-Uffiċjal Mellieħi tas-Sena | Joseph Aquilina (Futbol) | Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista |
| | Matthew Cauchi (Basketball) | Mellieħa Basketball Team |
| | Mark Soler (Volleyball) | Mellieħa Volleyball Team |
| | Mario Debono (Baseball) | Mellieħa Northenders Baseball Team |
| L-Atleta Promettenti tas-Sena | Martina Cilia (Futbol) | Uffiċċju Partit Nazzjonalista |
| | Eman Cutajar (Futbol) | Legion of Mary |
| | Ryan Cutajar (Futbol) | Mellieħa Sports Club<br>Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista |
| | Maia Debono (Futbol) | Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista |
| | Nicky Micallef (Baseball) | Mellieħa Northenders Baseball Team |
| It-Tim Sportiv tas-Sena | Northenders Baseball Team | Uffiċċju Partit Nazzjonalista |
| | Mellieħa Athletic Club | |
| | Mellieħa Tritons Club | |

4.1.3. Is-Sindku għarraf li bħala ġurija, ġew ikkuntattjati l-ġurnalisti sportivi li jidhru hawn taħt:

- Simon Borda – Media Link Communications
- Christine Cassar – The Malta Independent
- Paul Cachia – The Times
- Charles Camenzuli – Media Link Communications
- Joseph Farrugia – L-Orizzont
- Mario Meli – Public Broadcasting Services
- Peter Cossai – Public Boradcasting Services

4.1.4. Tressqu tliet proposti sabiex il-persuni segwenti jiġu kkunsidrati għall-Premju Adrian Bartolo bħala Rikonoxximent għal Persuna li Ħadem b'Riżq l-Isports fil-Mellieħa, liema premju jingħata fid-diskrezzjoni tal-Kunsill Lokali Mellieħa. In-nomini kkunsidrati kienu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Richard Borg | Ħadem sabiex twaqqaf il-Mellieħa Athletics Club u attwalment għadu nvolut fl-amministrazzjoni tiegħu. |
| Frans Fenech<br>Anthony Grima<br>Joseph Camilleri | Ko-fundaturi tal-Mellieħa Sports Club |
| Alfred Vella Borg | 51 sena membru fuq il-kumitat tal-Mellieħa Sports Club u għal diversi snin okkupa l-kariga ta' president tal-istess kumitat. |

4.1.5. Il-Kunsill iddeċieda li dan l-unur għandu jingħata lit-tliet ko-fundaturi tal-Mellieħa Sports Club - is-Sinjuri Joseph Camilleri, Frans Fenech, Anthony Grima. Din id-deċiżjoni ttieħdet fl-assenza tal-Kunsillier H. Fenech, iben Frans, minħabba li kien imsiefer.

4.1.6. Is-Sindku ppropona li s-serata tkun ippreżentata mis-Sur Keith Micallef, filwaqt li jkun hemm spettaklu mill-grupp ta' żeffiena Artemocion u Dorian Mallia.

4.1.7. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa fil-minuti 4.1.6.

## 4.2.1. Sitwazzjoni tat-traffiku fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għad-diskussjoni li kien hemm fuq dan is-suġġett fl-ewwel parti tas-seduta. Is-Sindku għarraf li baqqħet ma' saritx il-laqgħa mitluba ma' Transport Malta. Minkejja dan huwa kellu kuntatti ma' l-istess awtorita` u permezz ta' ittra datata 18 ta' Lulju 2012, ingħatat tweġiba mill-Kap Eżekuttiv tagħha, fejn ġew elenkati tliet alternattivi li jistgħu jidħlu fis-seħħ sakemm ikunu għaddejjin x-xogħlijiet fuq Triq Lewis Wettinger. Dawn jinvolvu:

(i) Tneħħija tal-ipparkjar kollu fi Triq Ġorġ Borg Olivier fil-ħinijiet l-aktar traffikużi;

(ii) Triq Ġorġ Borg Olivier ssir *one-way* 'l isfel u t-traffiku li ġej mill-Għadira jiġi ddevjat għat-toroq ta' wara l-knisja; u

(iii) Fil-ħinijiet l-aktar traffikużi, mit-8.00am sas-6.00pm, mit-Tnejn sal-Ġimgħa u mit-8.00am sal-10.00pm, fi tmiem il-gimgħa, it-traffiku kollu, (inkluż dak tar-residenti tal-Mellieħa) li jkun nieżel fid-direzzjoni tan-nofsinhar, jiġi devjat għal Dawret il-Mellieħa. Triq Ġorġ Borg Olivier tinfetaħ biss f'direzzjoni waħda 'l isfel lejn it-tramuntana għat-traffiku kollu. Jiġi ntrodott servizz ta' *shuttle* miċ-ċentru tal-Mellieħa għal min juża s-servizz tat-trasport pubbliku.

4.2.3. Is-Sur R. Cutajar, għarraf li permezz *e-mail* li huwa bgħat lill-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta fl-20 ta' Lulju 2012, huwa spjega l-posizzjoni tal-Kunsill fid-dawl tad-diskussjoni li kien hemm fl-ewwel parti tas-seduta, ossija li:

(a) Traffiku li jkun sejjer lejn in-nofsinhar jgħaddi minn Dawret il-Mellieħa;

(b) It-toroq ewlenin jibqgħu *two-way* għat-traffiku ntern, filwaqt li *one-way* biss għat-traffiku li jkun sejjer lejn it-tramuntana;

(c) Jerġa jkun hemm żewġ uffiċjali tal-infurzar ta' Transport Malta, flimkien ma' gwardjan lokali pprovdut mill-Kunsill;

(d) Intalab aktar tagħrif dwar it-tħaddim tas-servizz *shuttle* propost minn Transport Malta.

4.2.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' ittra data 26 ta' Lulju 2012, il-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta għamel il-kontro-proposti tiegħu, li jipprovdu kif ġej:

(1) Jingħalaq l-aċċess għall-vetturi kollha minn Triq il-Marfa, kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa, ħlief għal karozzi tal-linja, filwaqt li l-bqija tal-vetturi jiġu devjati lejn Dawret il-Mellieħa;

(2) Vetturi ġejjin mit-tramuntana li jkunu jridu jmorru lejn in-naħa Ta' Gerbulin/Tas-Sellum. L-aċċess ikun magħluq minn Triq il-Wied Ta' Ruman 'il fuq;

(3) Jiġu stazzjonati uffiċjali tal-infurzar ta' l-Awtorita` fi Triq il-Marfa kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa u ieħor fi Triq il-Marfa qrib Triq it-Trill biex jiżguraw il-ħarsien tal-arranġament deskritt fil-paragafi (1) u (2), bejn is-6.00am u t-8.00pm matul il-ġimgħa kollha; u

(4) Triq Ġorġ Borg Olivier tibqa' *one-way* bl-arrangament preżenti ħlief għat-traffiku ntern.

4.2.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-proposti (1) sa (4) aktar 'il fuq huma aċċettabbli. Kien hemm qbil ukoll li l-uffiċjali tal-infurzar għandhom jikkontrollaw id-dħul ta' vetturi kbar, kif ukoll dawk li jkunu qed jirmunkaw dgħajjes eċċ, irrispettivament jekk ikunux għall-Mellieħa jew le.

## 4.3.1. Lista ta' toroq li jridu jsiru għall-ewwel darba minn Transport Malta (T/4/7/Vol III)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 17 ta' Lulju 2012 fejn Transport Malta għarrfet li qed tiġbor lista ta' toroq residenzjali li qatt ma' ġew mogħtija wiċċ, kif ukoll dwar l-istat ta' l-iżvilupp tagħhom. Is-Segretarju qal illi l-aħħar darba li din l-informazzjoni ntalbet kien f'Novembru 2010. Mil-lista li kienet ingħatat dakinhar hemm minnhom li diġa saru, oħrajn li diġa ġew assenjati lill-kuntratturi, filwaqt li dawk elenkati hawn taħt għadhom pendent:

- Triq ir-Rattan (parti minnha)
- Triq it-Tunnaġġ
- Triq il-Wied Ta' Ruman
- Triq il-Qasab (jeħtieg li ssir mill-ġdid)
- Triq it-Trill (jeħtieg li ssir mill-ġdid)

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-aktar żona li teħtieġ l-intervent minn Transport Malta hija ż-żona Tas-Sellum. Dwar il-Manikata, sar aċċenn li Triq l-Istasija tista' tiġi nkluża flimkien ma' Triq il-Fuħħar li mistenni ssir. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandu jsir rapport mill-*Contracts Manager* dwar l-istat tat-toroq f'din iż-żona bil-għan li jiġi mgħoddi lill-Awtorita`.

## 4.4.1. Attivitajiet imtellgħa flimkien ma' organizzazzjonijiet lokali (F/1/2/Vol VIII)

4.4.2. Is-Segretarju rrefera għal *e-mail* datat 20 ta' Lulju 2012, mibgħut mill-*Monitoring Unit* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Fl-istess *e-mail* saret referenza għal artiklu li deher fil-gazzetta n-'Nazzjon Tagħna' tad-19 ta' Lulju 2012, dwar kunċert li ngħata mill-Wolverhampton Youth Band fil-21 ta' Lulju. Billi fl-istess artiklu kien jgħid li l-kunċert kien qed jiġi mtellgħa bil-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali, il-*Monitoring Unit* staqsa dwar x'kien involviment finanzjarju tal-Kunsill f'din l-attivita`.

4.4.3. Is-Sindku lmenta li d-Dipartiment qed jinterpreta b'mod skorrett il-ligi. Dan għar-raguni li kull kollaborazzjoni bejn Kunsill u organizzazzjoni mhux governattiva ntenzjonata biex tittellgħa attivita` jew tittieħed xi inizjattiva, qed tiġi meqjusa bħala għotja ta' flus lill-organizzazzjoni in kwistjoni. Is-Sur R. Cutajar qal li ħafna drabi, la l-għaqdiet u lanqas il-Kunsill waħdu ma jkollu riżorsi biżżejjed biex jittiellgħu ċerti attivitajiet u jkun proprju bis-sehem ta' kulħadd li l-pubbliku jibbenefika minn attivitajiet kulturali. Is-Sindku kompla jgħid li attivitajiet bħalma huma Jum il-Kunsill, il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ, Iljieli Melleħin u Milied Mellieħi, m'huma xejn ħlief kollaborazzjoni ma' għaqdiet volontarji bbażati fil-lokalita`. Għal din ir-raġuni huwa kiteb lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tingħata direzzjoni ċara. Kompla jgħid li l-liġi dwar il-Kunsill Lokali, filwaqt li tipprojbixxi l-għotjiet fi flus jew taħt xi forma oħra, imkien ma' tgħid li ma jistax ikun hemm kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi, li tista' tfisser ukoll involiment finanzjarju min-naħa tal-Kunsill.

4.4.4. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rappreżentazzjonijiet li saru mis-Sindku.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ma ġiet imressqa ebda *Purchase Request Form*.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ma ġiet imressqa ebda Skeda tal-Pagamenti.

## 7.1. Rikostruzzjoni ta' Triq Ta' Fuq il-Widien u Triq il-Pont (E/1/3/Vol IV)

7.2. Is-Segretarju għarraf illi huwa ġie msejjaħ minn Transport Malta għal żewġ laqgħat ta' kordinament dwar ix-xogħlijiet li ser isiru fit-toroq imsemmija. Billi fl-Estimi tal-Kunsill 2012 ġiet vvutata is-somma ta' €36,000 taħt il-vot Nru. 7220, huwa għarraf lil Transport Malta li l-Kunsill għandu l-intenzjoni li jgħaddi *street lighting ducts* fit-toroq in kwistjoni. Fir-rigward ta' Triq Ta' Fuq il-Widien, Transport Malta għarrfet li mhux ser isiru bankini u għalhekk ser ikun meħtieġ li ssir trinka għal tul ta' madwar 700 metru, 0.8m fonda, b'0.3m wiesgħa. L-Enemalta talba li tieħu din l-opportunita` sabiex flimkien mal-pajp tal-

Kunsill tqiegħed ieħor sabiex itejbu d-distribuzzjoni tal-elettriku f'dik iż-żona. Min *bill of quantities* li tfassal, dawn ix-xogħlijiet jinvolvu spiża ta' madwar €28,000.

7.3. Is-Sur C. Debono spjega wkoll li fir-rigward ta' Triq il-Pont, l-ispiża tkun ferm inqas, peress li f'dan il-każ ser isiru l-bankini u għalhekk id-*duct* ikun jista' jsir fil-ħxuna tal-bankina, mingħajr il-ħtieġa ta' trinka. Il-medda ta' pajpijiet meħtieġa hija stmata li tlaħħaq 430 metru.

7.4. Il-Kunsill iddeċieda li dan ix-xogħol għandu jitwettaq permezz tal-kuntratt dwar ir-*Resurfacing* u Xogħlijiet Anċillari, minn Central Asphalt Ltd.

## AĠĠORNAMENT

It-Tieni Parti tas-seduta spiċċat fit-8.30pm u ġiet aġġornata għall-nhar il-Ġimgħa 10 ta' Awwissu 2012 fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**